MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 243/2005

**Vincent Cuschieri Limited (C-4162)**

**Vs**

**Eurotrans Services Limited (C-33736)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm336.70c) bhala rifuzjoni ta' ammont in debitament imhallas mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' attrici m'ghamlet l-ebda hlas in debitu lis-socjeta' konvenuta.
Sema' x-xhieda ta' John Cuschieri u ta' Jeffrey Savage.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Carlo Bisazza ghas-socjeta' attrici u ta' Dr James D'Agostino ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta' attrici timporta prodotti ta' l-ikel u John Cuschieri ghas-socjeta' attrici gie avvicinat minn Jeffrey Savage ghas-socjeta' konvenuta fejn ta' l-ahhar talab lis-Sur Cuschieri jekk kienx interessat li juza s-servizzi ta' trasport tas-socjeta' konvenuta sabiex jimporta x-xoghol. Is-Sur Cuschieri talab lis-Sur Savage li jtih *quotation* ghat-trasport ta' hames *pallets* zejt (dokument JC1 li jinsab esebit a fol 13 tal-process). F'dan id-dokument il-*quotation* taqra hekk "five pallets said to contain olive oil 600kgs - Lm275" u cjoe' hamsa u hamsin lira Maltin (Lm55) ghal kull *pallet* plus hames liri Maltin (Lm5) *delivery order*.

Ghab-bazi ta' dan is-socjeta' attrici kkonfermat l-inkarigu tas-socjeta' konvenuta izda s-socjeta' konvenuta talbet lis-socjeta' attrici zzid l-ordni biex b'hekk ikun jista' jimtela *container* u ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta sabiex iggib ukoll hames *pallets* ohra dqiq u ta' dan harget *quotation* ohra li tinsab esebita a fol 22 tal-process (dokument JS1) li jghid hekk "five *pallets* said to contain flour 800kgs – Lm257.34c).

It-trasport sar u l-konsenja waslet Malta izda minflok ghaxar *pallets*, kien hemm tnax-il *pallet* u inoltre, meta x-xoghol gie biex jigi rilaxxat hareg kont ta' disa' mija u sitta u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm996.70c). John Cuschieri lmenta dwar dan il-kont billi deherlu li kien oltre dak pattwit mal-konvenut, izda l-konvenut irrifjuta illi jaghti l-kunsens ghar-rilaxx tal-merkanzija jekk dan il-kont ma jithallasx u ghalhekk, is-socjeta' attrici hallset *under protest*. Il-kawza odjerna tirrigwarda r-rifuzjoni ta' dak li s-socjeta' attrici tippretendi li hija hallset zejjed.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija x'kien ezatt il-ftehim bejn il-partijiet u cjoe' jekk il-ftehim kienx bir-rata ta' hamsa u hamsin lira Maltin (Lm55) kull *pallet* jew jekk il-ftehim kienx abbazi tal-piz u dan billi skond il-*quotation*, il-piz taz-zejt qieghed 600kgs u l-piz tad-dqiq qieghed 800kgs, meta fil-fatt it-tnax-il *pallet* kellhom piz totali ta' aktar minn 9,000kgs. John Cuschieri jsostni illi l-ftehim qatt ma kien abbazi tal-piz izda kien abbazi tan-numru tal-*pallets*, izda l-konvenut qed jikkontendi li l-piz kien fattur determinanti.

It-Tribunal jidhirlu illi l-probabbilta' kienet li meta l-konvenut avvicina lill-attur sabiex jibda jaghmel ix-xoghol mieghu, l-konvenut tah prezz li kien vantaggjuz ghas-suq u fil-fatt John Cuschieri xehed illi qabel ma kellmu l-konvenut, ma' haddiehor kien igib ix-xoghol b'rata ftit aktar minn dak li gie kwotat mill-konvenut, cjoe' lira Maltija (Lm1) aktar f'kull *pallet*.

Illi inoltre, t-Tribunal jidhirlu illi ghandha tigi accettata l-affermazzjoni ta' l-attur illi l-ftehim bejn il-partijiet kien *per pallet* u mhux abbazi ta' piz u dan billi jekk wiehed jara l-*quotation* li huwa ta' 600kgs zejt bil-prezz ta' mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm275), jekk iz-zejt li attwalment gie trasportat kellu piz totali ta' 5,325kgs (vide dokument JS4 a fol 26 tal-process) dan kien ifisser illi jekk dak li l-konvenut qieghed isostni huwa minnu, l-invoice kellu johrog ghal hames darbiet aktar u cjoe' ghall-aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000). Dan huwa ferm u ferm esagerat u lanqas m'hu qed jigi sostnut mill-konvenut.

Mill-banda l-ohra pero', jidher illi ghalkemm id-diskors kien li ser jingabu ghaxar *pallets*, fil-fatt intbaghtu tnax-il *pallet* u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha thallas ta' tnax-il *pallet* u ghalhekk il-kont relattiv ghandu jigi mahdum bir-rata ta' 12 x Lm55 li maghhom wiehed irid izid ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-drittijiet tad-*delivery order* li komplessivament igibu s-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670). Is-socjeta' attrici hallset is-somma ta' disa' mija u sitta u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm996.70c) u ghalhekk jidher li hija hallset is-somma ta'

tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm326.70c) zejda.

Billi dan l-ammont huwa ftit differenti mill-ammont mitlub, it-Tribunal ma jhossx li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici limitatament ghas-somma ta’ tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm326.70c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------